



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Ottubru 2008 (07.10)
(OR. fr)**

**12594/2/08
REV 2**

CONCL 3

NOTA TA' TIFSIRA

minn: Presidenza

Lil: delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW STRAORDINARJU TA' BRUSSELL**
L-1 ta' Settembru 2008

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (l-1 ta' Settembru 2008).

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet ippreċeduta minn preżentazzjoni tas-Sur Hans-Gert Pöttering, President tal-Parlament Ewropew, u li kienet segwita minn skambju ta' fehmiet.

o
o o

1. Il-Kunsill Ewropew hu mħasseb sew bil-kunflitt miftuħ li faqqa' fil-Ġeorġja, bil-vjolenza li dan ġab miegħu u bir-reazzjoni sproporzjonata tar-Russja. Dan il-kunflitt kien il-kawża ta' ħafna tbatija għaż-żewġ naħat. Azzjonijiet militari bħal dawn mhumix soluzzjoni u lanqas m'huma aċċettabbli. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora l-imwiet tan-nies, it-tbatija li qed iġarbu l-popolazzjonijiet, in-numru ta' nies mġiegħla jħallu djarhom jew refuġjati, u l-ħsara materjali konsiderevoli.
2. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni unilaterali tar-Russja li tirrikonoxxi l-indipendenza ta' l-Abkażja u ta' l-Ossezja tan-Nofsinhar. Din id-deċiżjoni hija inaċċettabbli u l-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-Istati l-oħra biex ma jirrikonoxxux lil dawn l-indipendenzi proklamati u jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-konsegwenzi konkreti implikati. Huwa jfakkar li soluzzjoni paċifika u sostenibbli tal-kunflitti fil-Ġeorġja trid tkun ibbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-prinċipji ta' indipendenza, sovranità u ta' integrità territorjali rikonoxxuti mil-liġi internazzjonali, l-Att Finali tal-Konferenza ta' Helsinki dwar is-sigurtà u l-kooperazzjoni fl-Ewropa u mir-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
3. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li kull Stat fl-Ewropa għandu d-dritt li jfassal liberament il-politika barranija u l-alleanzi tiegħu, f'konformità mal-liġi internazzjonali u skond il-prinċipji ta' relazzjonijiet tajba bejn il-pajjiżi ġirien u ta' kooperazzjoni paċifika. Huwa wkoll leġittimu li jitqiesu l-interessi ta' sigurtà ta' kull stat, dment li jiġu rrispettati l-prinċipji fundamentali tar-rispett tas-sovranità, l-integrità territorjali u l-indipendenza ta' l-Istati.

4. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-ftehim ta' sitt punti milħuq fit-12 ta' Awwissu abbażi ta' l-isforzi ta' medjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea wassal għal waqfien mill-ġlied, twassil aħjar ta' l-għajjnuna umanitarja għall-vittmi, u rtirar sostanzjali tal-forzi militari Russi. L-implimentazzjoni ta' dan il-pjan għandha tkun ikkompletata. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet biex fi spirtu ta' rieda tajba jissuktaw bl-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim li huma ffirmaw. Il-forzi militari li għadhom ma rtirawx lejn il-linji preċedenti qabel il-bidu ta' l-ostilitajiet għandhom jagħmlu dan mingaħjr dewmien. Minbarra l-għajjnuna għall-vittmi, huwa importanti li jiġi żviluppat b'mod urġenti l-mekkaniżmu internazzjonali ta' superviżjoni, li fih l-Unjoni hija lesta li tipparteċipa, previst fil-punt 5 tal-ftehim sabiex jiġu sostitwiti l-miżuri ta' sigurtà addizzjonali Russi fiż-żona maġenb l-Ossezja tan-Nofsinhar. Huwa wkoll importanti li jinbdew b'mod urġenti id-diskussjonijiet internazzjonali previsti fil-punt 6 tal-ftehim dwar l-arranġamenti ta' sigurtà u stabbiltà fl-Abkażja u fl-Ossezja tan-Nofsinhar.
5. L-Unjoni Ewropea hija lesta li timpenja ruħha, inkluż permezz ta' preżenza fil-post, biex tappoġġa l-isforzi kollha bil-ħsieb ta' soluzzjoni paċifika u dejjiema għall-kunflitti fil-Ġeorġja. Għal dak il-għan, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għat-tisħiħ tal-missjoni ta' osservazzjoni ta' l-OSKE fl-Ossezja tan-Nofsinhar, billi jibgħatu osservaturi u permezz ta' kontribuzzjonijiet materjali u finanzjarji sostanzjali. L-Unjoni Ewropea ddeċidiet ukoll li tibgħat immedjatament missjoni esploratorja inkarigata biex tikkontribwixxi għall-ġbir ta' informazzjoni u biex tippreċiża l-arranġamenti għal impenn imsaħħaħ fil-post min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea, f'isem il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-korpi kompetenti tal-Kunsill biex jikkonkludu b'suċċess il-ħidma preparatorja kollha meħtieġa biex deċiżjoni ta' impenn possibbli ta' tali missjoni ta' osservazzjoni tkun tista' tittieħed mill-Kunsill sal-15 ta' Settembru, skond l-iżviluppi tas-sitwazzjoni, u f'koordinazzjoni mill-qrib ma' l-OSKE u man-Nazzjonijiet Uniti. Għal dan il-għan il-Kunsill Ewropew jitlob lill-President tal-Kunsill u lis-SĠ/RGħ biex jagħmlu l-kuntatti u l-ħidma kollha meħtieġa.

6. L-Unjoni Ewropea diġà tat għajjnuna ta' urġenza. Hija lesta toffri għajjnuna għar-rikostruzzjoni fil-Ġeorġja, inkluż fiż-żoni ta' l-Ossezja tan-Nofsinhar u ta' l-Abkażja. Hija lesta tappoġġa miżuri ta' bini ta' fiduċja u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni reġjonali. Hija tiddeċiedi wkoll li ssaħħa ir-relazzjonijiet tagħha mal-Ġeorġja, inkluż permezz ta' miżuri ta' faċilitazzjoni tal-viżi u l-implimentazzjoni possibbli ta' żona ta' kummerċ ħieles sħiħa u wiesgħa hekk kif jintlaħqu l-kondizzjonijiet. Hija ser tiegħu l-inizjattiva li torganizza mingħajr dewmien konferenza internazzjonali bil-ħsieb li tgħin fir-rikostruzzjoni tal-Ġeorġja u titlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħejju għal din il-konferenza.
7. Il-Kunsill Ewropew jinnota bi tħassib l-impatt tal-kriżi attwali fuq ir-reġjun kollu. L-Unjoni Ewropea tikkunsidra li huwa importanti aktar minn qatt qabel li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni reġjonali u li jissaħħa r-relazzjonijiet li hija għandha mal-ġirien tal-Lvant tagħha, notevolment permezz tal-politika tal-viceinat tagħha, l-iżvilupp tas-"Sinerġija tal-Baħar l-Iswed" u "Sħubija tal-Lvant" li l-Kunsill Ewropew jixtieq jadotta f'Marzu ta' l-2009. Għal dan il-għan huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tissottomettulu proposti sa minn Diċembru 2008. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tas-summit li jmiss bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina fid-9 ta' Settembru.
8. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jaħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-kriżi fil-Ġeorġja u jitlob lill-Kunsill biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa.
9. L-avvenimenti reċenti jixhdu l-ħtieġa għall-Ewropa li tintensifika l-isforzi tagħha fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, biex jeżamina l-inizjattivi li għandhom jittieħdu għal dan il-għan, partikolarment fil-qasam tad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija u fir-rotot tal-provvista.

10. Il-kriżi fil-Ġeorġja tqiegħed ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja f'salib it-toroq. Il-Kunsill Ewropew jikkunsidra li minħabba l-interdependenza bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja, kif ukoll l-isfidi globali li huma qegħdin jiffaċċjaw, m'hemmx alternattiva oħra ħlief dik ta' relazzjoni b'saħħitha, ibbażata fuq il-kooperazzjoni, il-fiduċja u d-djalogu, fuq ir-rispett għall-istat tad-dritt u tal-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u mill-OSKE. Huwa għalhekk li f'Lulju li għadda nedejna n-negozjar għal ftehim qafas ġdid bejn l-Unjoni u r-Russja.
11. Aħna nappellaw lir-Russja biex flimkien magħna tagħmel din l-għażla fundamentali favur l-interess reċiproku, il-fehim u l-kooperazzjoni. Aħna konvinti li huwa wkoll fl-interess tar-Russja stess li ma tkunx iżolata mill-Ewropa. L-Unjoni Ewropea, min-naħa tagħha, uriet li kienet lesta tissieħeb u tikkoopera, b'rispett għall-prinċipji u l-valuri li huma l-pedamenti tagħha. Aħna nistennew li r-Russja taġixxi b'mod responsabbli, f'konformità ma' l-impenji kollha tagħha. L-Unjoni ser tibqa' vigilant; il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill, mal-Kummissjoni, biex jeżamina b'attenzjoni u fid-dettall is-sitwazzjoni u d-dimensjonijiet differenti tar-relazzjoni UE-Russja. Din l-evalwazzjoni għandha tibda minn issa u titkompla b'mod partikolari fil-perspettiva tas-summit li jmiss previst għall-14 ta' Novembru 2008 f'Nizza. Il-Kunsill Ewropew jinkariga lill-President tiegħu biex ikompli d-diskussjonijiet bil-ħsieb ta' applikazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' sitt punti. Għal dak il-għan, il-President tal-Kunsill Ewropew ser iżur Moska fit-8 ta' Settembru, akkumpanjat mill-President tal-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli. Sakemm it-truppi ma jkunux irtiraw lura għall-pożizzjonijiet tagħhom tas-7 ta' Awwissu, il-laqgħat dwar in-negozjar tal-Ftehim ta' Sħubija ser jiġu posposti.
-